DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/487/PESK

tat-22 ta' Lulju 2014

li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

(2) Il-Kunsill jikkunsidra li ma għadx hemm raġunijiet għaż-żamma ta' entità waħda fil-lista li tinsab fl-Anness IV għad-Deċiżjoni 2011/137/PESK.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/137/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-entrata għall-persuna li ġejja għandha titħassar mil-lista li tinsab fl-Anness IV għad-Deċiżjoni 2011/137/PESK:

23. ZIDANE, Mohamad Ali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

([1]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 53.